MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2006

Numru. 445/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**TARCISIO RAPA bin Francis u Annunziata nee' Attard, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 1937 u residenti 2, Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 60637 G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **TARCISIO RAPA** bin Francis u Annunziata nee' Attard, imwieled fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 1937 u residenti 2, Pjazza Vittorja, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 60637G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tlettax [13] ta' April, 2006 ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara

nofsinhar, waqt li kien fi Vjal it-Tmienja ta’ Settembru, Xaghra, Ghawdex:-

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, u storbju, u

2. talli verbalment hedded jew insulenta lil Tabone Xi mix-Xaghra, Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PC 932 Louis Bigeni, lil Xi Tabone u lil Lucy Hart.

Semghet wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u lil provi tad-difiza.

Ikkunsidrat illi stante li mill-provi prodotti l-ewwel [1] akkuza tirrizulta ippruvata ghas-sodisfazzjon taghha, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat TARCISIO RAPA hati taghha u tikkundannah ghal hlas ta’ amenda ta’ ghaxar lira maltin filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tieni [2] akkuza stante li ma tirrizultax ippruvata w ghalhekk tilliberah minn din t-tieni akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------